# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 179/2012

## tat-28 ta' Settembru 2012

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII għall-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 135/2012 tat-13 ta' Lulju 2012 [1].

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1147/2011 tal-11 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 185/2010 u li jimplimenta l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili fir-rigward tal-użu ta' scanners tas-sigurtà fl-ajruporti tal-UE [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/8042/UE tal-14 ta' Novembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/774/UE tat-13 ta' April 2010 li tistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni ta' standards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili fir-rigward l-użu ta' scanners tas-sigurtà fl-ajruporti tal-UE għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness XIII għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 66he (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 185/2010):

"— **32011 R 1147**: ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1147/2011 tal-11 ta' Novembru 2011 (ĠU L 294, 12.11.2011, p. 7)."

2. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 66hf (id-Deċiżjoni C tal-Kummissjoni (2010) 774 final):

"— **32011 D 8042**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/8042/UE tal-14 ta' Novembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/774/UE tat-13 ta' April 2010 li tistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni ta' standards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili fir-rigward l-użu ta' scanners tas-sigurtà fl-ajruporti tal-UE."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1147/2011 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2012, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2012.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Atle LEIKVOLL

[1] ĠU L 309, 8.11.2012, p. 16.
[2] ĠU L 294, 12.11.2011, p. 7.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.